

Brussell, 12 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10719/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0810(COD)

CODEC 1214
EF 191
UEM 251
ECOFIN 689
INST 268
PE 94

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu mit-2 sal-5 ta' Lulju 2018)

I. INTRODUZZJONI¹

Ir-relaturi Gabriel MATO (PPE, ES) u Danuta HÜBNER (PPE, PL), ippreżentaw rapport li jikkonsisti minn 11-il emenda (l-emendi 1-11) għall-proposta għal Deċiżjoni f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.

Barra minn hekk, il-Ħodor/AHE ressqu żewġ emendi (l-emendi 12 u 13).

¹ L-ifformattjar tal-verzjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fl-4 ta' Lulju 2018, il-plenarja adottat l-emendi 1-11 għall-proposta għal Deċiżjoni. Ma ġiet adottata l-ebda emenda oħra. L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

Fi tmiem il-votazzjoni, il-proposta ntbagħtet lura lill-Kumitat, skont ir-Regola 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma jingħalaqx u jinfetħu n-negozjati mal-Kunsill.

**L-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew
***I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (10850/2017 – ECB/2017/18 – C8-0228/2017 – 2017/0810(COD))²

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

² Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat/komitati responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0219/2018).

Emenda 1

Abbozz ta' deċiżjoni

Premessa 1

Abbozz mill-Bank Ċentrali Ewropew

(1) Il-kompiti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) jinkludu d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni u l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas. Infrastrutturi tas-suq finanzjarju siguri u effiċjenti, b'mod partikolari sistemi tal-ikklerjar, huma essenzjali għat-twettiq ta' dawn il-kompiti bażiċi.

Emenda

(1) Il-kompiti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) jinkludu d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni u l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas, **li hija fundamentali għaż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja**. Infrastrutturi tas-suq finanzjarju siguri u effiċjenti, b'mod partikolari sistemi tal-ikklerjar, huma essenzjali għat-twettiq ta' dawn il-kompiti bażiċi.

Emenda 2

Abbozz ta' deċiżjoni

Premessa 3

Abbozz mill-Bank Ċentrali Ewropew

(3) Fl-4 ta' Marzu 2015, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha f'Ir-Renju Unit vs il-BĊE, Kawża T-496/117, li qalet li l-BĊE **m'għandux** il-kompetenza **meħtieġa biex** jirregola l-attività ta' **sistemi tal-ikklerjar**. Il-Qorti Ġenerali stqarret li l-Artikolu 129(3) tat-Trattat jippermetti lill-Parlament u lill-Kunsill, hekk kif jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u fuq rakkomandazzjoni mill-BĊE, biex jemendaw l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"). Il-Qorti kkonkludiet li "huwa l-kompitu tal-BĊE, fil-każ li jqis li r-rikonossiment favur tiegħu ta' setgħa

Emenda

(3) Fl-4 ta' Marzu 2015, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha f'Ir-Renju Unit vs il-BĊE, Kawża T-496/117⁷, li qalet li "l-BĊE **ma għandux** il-kompetenza **neċessarja sabiex** jirregola l-attività **tas-sistemi ta' clearing ta' titoli, b'tali mod li l-qafas ta' sorveljanza, sa fejn jimponi fuq il-kontropartijiet ċentrali li jintervjenu fil-clearing ta' titoli finanzjarji rekwiżit ta' lokalizzazzjoni fi ħdan iż-żona euro, għandu jiġi annullat minħabba nuqqas ta' kompetenza**". Il-Qorti Ġenerali stqarret li l-Artikolu 129(3) tat-Trattat jippermetti lill-Parlament u lill-Kunsill, hekk kif jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u fuq rakkomandazzjoni mill-

regolatorja tal-infrastrutturi li jwettqu clearing ta' operazzjonijiet fuq titoli huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb tal-ħidma prevista fir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) TFUE, li jitlob lil-leġislatur tal-Unjoni emenda għall-Artikolu 22 tal-Istatuti, billi jiżdied riferiment espliċitu għas-sistemi ta' clearing ta' titoli".

⁷ ECLI:

Emenda 3

Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 3a (ġdida)

Abbozz mill-Bank Ċentrali Ewropew

BĊE, biex jemendaw l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ").
Għaldaqstant, il-Qorti kkonkludiet li "huwa l-kompitu tal-BĊE, fil-każ li jqis li r-rikonoxximent favur tiegħu ta' setgħa regolatorja tal-infrastrutturi li jwettqu clearing ta' operazzjonijiet fuq titoli huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb tal-ħidma prevista fir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) TFUE, li jitlob lil-leġislatur tal-Unjoni emenda għall-Artikolu 22 tal-Istatut, billi jiżdied riferiment espliċitu għas-sistemi ta' clearing ta' titoli".

⁷ ECLI: EU:T:2015:133.

Emenda

(3a) Minkejja li s-sistemi tal-ikklerjar ta' titoli huma tipoloġija ta' sistemi ta' ħlas, jeħtieġ li tiżdied iċ-ċarezza dwar il-kwistjoni, fid-dawl tas-sentenza tal-4 ta' Marzu 2015 tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-496/11, u għalhekk, permezz ta' rieżami tal-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-kwistjoni tal-kompetenza fir-rigward ta' tali sistemi jeħtieġ li tiġi ċċarata.

Emenda 4

Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 4

(4) Żviluppi sinifikanti fuq livell kemm globali kif ukoll Ewropew huma mistennija li jżidu r-riskji li disturbi li jaffettwaw is-sistemi tal-ikklerjar, b'mod partikolari kontropartijiet ċentrali (CCPs), jheddu t-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika, li finalment jaffettwaw l-oġettiv ewlieni tal-Eurosistema li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet.

(4) Żviluppi sinifikanti fuq livell kemm globali kif ukoll Ewropew huma mistennija li jżidu r-riskji li disturbi li jaffettwaw is-sistemi tal-ikklerjar, b'mod partikolari kontropartijiet ċentrali (CCPs), jheddu t-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika, li finalment jaffettwaw ***l-istabbiltà finanzjarja, inkluż*** l-oġettiv ewlieni tal-Eurosistema li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Emenda 5

Abbozz ta' deċiżjoni

Premessa 5

Abbozz tal-Bank Ċentrali Ewropew

Emenda

(5) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-Intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Il-ħruġ tar-Renju Unit ser iwassal għal bidla fundamentali fil-mod kif ċerti attivitajiet ta' kklerjar ddenominati f'euro li huma sistemikament importanti huma rregolati, issorveljati u miżmuma taħt superviżjoni, biex b'hekk tiġi affetwata b'mod avvers l-abbiltà tal-Eurosistema li timmonitorja u tiġġestixxi r-riskji għat-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas, u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

imħassar

Emenda 6

Abbozz ta' deċiżjoni

Premessa 6

Abbozz mill-Bank Ċentrali Ewropew

Emenda

(6) L-ikklerjar ċentrali qiegħed isir dejjem aktar ta' natura transkonfinali u sistemikament importanti. Minħabba s-sħubija diversa tagħhom u n-natura pan-Ewropea tas-servizzi finanzjarji li jipprovdu, is-CCPs huma ta' importanza kruċjali għall-Unjoni kollha kemm hi, u b'mod partikolari għaż-żona tal-euro. Dan huwa rifless fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, li jistabbilixxi arranġamenti superviżorji kollettivi fil-forma ta' kulleġġi, komposti mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inkluża l-Eurosistema fir-rwol tagħha bħala l-bank ċentrali emittenti tal-euro.

8Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

Emenda 7

Abbozz ta' deċiżjoni

Premessa 7

Abbozz mill-Bank Ċentrali Ewropew

(7) Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, fit-13 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha sabiex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja u s-sigurezza u s-sodezza ta' CCPs li huma ta' rilevanza sistemika għal swieq finanzjarji madwar l-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-Eurosistema bħala bank ċentrali ta' ħruġ għall-euro ***jista' jaqdi*** r-rwol previst fil-proposta leġiżlattiva, huwa ta' importanza primarja li jkollha s-setgħat rilevanti skont it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ. B'mod partikolari, l-Eurosistema għandu jkollha setgħat regolatorji biex tadotta valutazzjonijiet vinkolanti u biex teħtieġ azzjoni korrettiva, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet

(6) L-ikklerjar ċentrali qiegħed isir dejjem aktar ta' natura transkonfinali u sistemikament importanti. Minħabba s-sħubija diversa tagħhom u n-natura pan-Ewropea tas-servizzi finanzjarji li jipprovdu, is-CCPs huma ta' importanza kruċjali għall-Unjoni kollha kemm hi, u b'mod partikolari għaż-żona tal-euro. Dan huwa rifless fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi arranġamenti superviżorji kollettivi fil-forma ta' kulleġġi, komposti mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, inkluża l-Eurosistema fir-rwol tagħha bħala l-bank ċentrali emittenti tal-euro, ***il-munita tal-Unjoni***.

Emenda

(7) Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, fit-13 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha sabiex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja u s-sigurezza u s-sodezza ta' CCPs li huma ta' rilevanza sistemika għal swieq finanzjarji madwar l-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-Eurosistema, bħala bank ċentrali ta' ħruġ għall-euro, ***tista' taqdi*** r-rwol previst fil-proposta leġiżlattiva, huwa ta' importanza primarja li jkollha s-setgħat rilevanti skont it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ. B'mod partikolari, l-Eurosistema għandu jkollha setgħat regolatorji biex tadotta valutazzjonijiet vinkolanti u biex teħtieġ azzjoni korrettiva, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet

oħrajn tal-Unjoni. Barra minn hekk, meta jkun neċessarju biex tiġi protetta l-istabbiltà tal-euro, il-BĊE għandu jkollu wkoll is-setgħat regolatorji biex jadotta rekwiżiti addizzjonali għal CCPs involuti fl-ikklerjar ta' ammonti sinifikanti ta' tranżazzjonijiet iddenominati f'euro.

oħrajn tal-Unjoni. Barra minn hekk, meta jkun neċessarju biex tiġi protetta l-istabbiltà tal-euro, il-BĊE għandu jkollu wkoll is-setgħat regolatorji biex jadotta rekwiżiti addizzjonali għal CCPs involuti fl-ikklerjar ta' ammonti sinifikanti ta' tranżazzjonijiet iddenominati f'euro. ***Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiproteġu l-integrità tas-Suq Uniku u jiżguraw li fis-superviżjoni tas-CCPs ta' pajjiżi terzi, id-dritt tal-Unjoni u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jingħataw preċedenza.***

Emenda 8

Abbozz ta' deċiżjoni

Premessa 8

Abbozz tal-Bank Ċentrali Ewropew

(8) L-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ huwa parti mill-Kapitolu IV "Funzjonijiet u operazzjonijiet monetarji tas-SEBĊ". Il-kompiti mogħtijin minnu għandhom għalhekk jintużaw biss għall-finijiet tal-politika monetarja.

Emenda

(8) L-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ huwa parti mill-Kapitolu IV "Funzjonijiet u operazzjonijiet monetarji tas-SEBĊ". Il-kompiti mogħtijin minnu għandhom għalhekk jintużaw biss għall-finijiet tal-politika monetarja. ***Fir-rigward tas-sistemi tal-ikklerjar għal strumenti finanzjarji, ir-rekwiżiti li jistgħu jiġu applikati abbażi ta' dak l-Artikolu għandhom jinkludu r-rekwiżiti ta' rappurtar u r-rekwiżiti imposti fuq is-sistema tal-ikklerjar biex tikkoopera mal-BĊE u mal-banek ċentrali nazzjonali fil-valutazzjoni tagħhom tar-reżiljenza tas-sistema għall-iżviluppi sfavorevoli tas-suq. Tali rekwiżiti għandhom jinkludu wkoll il-ftuħ mis-sistema ta' kont ta' depożitu mal-lejl mas-SEBĊ b'konformità mal-kriterji u r-rekwiżiti ta' aċċess rilevanti tas-SEBĊ. Barra minn hekk, dawn għandhom jinkludu r-rekwiżiti meħtieġa biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn sistema tal-ikklerjar għal strumenti finanzjarji toħloq riskju imminenti ta' dannu sostanzjali għas-swieq jew l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni jew għas-sistema finanzjarja***

tal-Unjoni jew għal wieħed mill-Istati Membri tagħha, bħal rekwiżiti relatati mal-kontrolli tar-riskju tal-likwidità, arranġamenti ta' saldu, marġni, kollateral jew arranġamenti ta' interoperabilità. Fir-rigward tas-sistemi tal-ikklerjar ta' pajjiżi terzi għal strumenti finanzjarji ta' importanza sistemika, ir-Regolament (UE) Nru ... /... [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi] jipprevedi l-possibbiltà li l-BĊE jipproponi rekwiżiti addizzjonali għal tali sistemi.

Emenda 9

**Abbozz ta' deċiżjoni
Premessa 8a (ġdida)**

Abbozz tal-Bank Ċentrali Ewropew

Emenda

(8a) Is-setgħat il-ġodda tal-BĊE rigward is-sistemi tal-ikklerjar għal strumenti finanzjarji abbażi tal-Artikolu 22 emendat tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE se jiġu eżerċitati flimkien mas-setgħat eżerċitati minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħrajn tal-Unjoni abbażi tad-dispożizzjonijiet relatati mal-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern previsti fil-Parti III tat-TFUE, inklużi dawk li jinsabu f'atti adottati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill skont is-setgħat mogħtija lilhom. F'dak il-kuntest, sabiex jiġi żgurat li s-setgħat rispettivi ta' kull entità jkunu rispettati u biex jiġi evitat li jkun hemm inkonsistenzi u regoli konfliġġenti bejn id-deċiżjonijiet meħuda minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi differenti tal-Unjoni, is-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 22 emendat tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE

għandhom jiġu eżerċitati bil-konsiderazzjoni dovuta għall-qafas ġenerali għas-suq intern stabbilit mill-koleġżlaturi u b'mod li jkun konsistenti bis-siġh kemm mal-atti legali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll mal-miżuri adottati skont tali atti.

Emenda 10

**Abbozz ta' deċiżjoni
Premessa 8b (ġdida)**

Abbozz tal-Bank Ċentrali Ewropew

Emenda

(8b) Il-BĊE għandu jiżgura trasparenza sħiħa u obbligu ta' rendikont sħiħ lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħat u l-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 22 tal-Istatut tiegħu. B'mod partikolari, għandu jżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati regolarment dwar id-deċiżjonijiet meħuda kollha u dwar ir-regolamenti adottati kollha abbażi ta' dak l-Artikolu. Għal dak il-għan, għandu jiddedika kapitolu speċifiku tar-rapport annwali tiegħu għall-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skont l-Artikolu 22 tal-Istatut tiegħu u għandu jippubblika fuq is-sit web tiegħu, id-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjoni kollha relatati ma' regolamenti li jadotta abbażi ta' dak l-Artikolu.

Emenda 11

**Abbozz ta' deċiżjoni
Artikolu 1**

L-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

Artikolu 22

Artikolu 22

Sistemi tal-ikklerjar u sistemi ta' ħlas
Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex ***jiżgura*** sistemi tal-ikklerjar u tal-ħlas effiċjenti u sodi, ***u sistemi tal-ikklerjar għal strumenti finanzjarji***, fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi ***oħrajn***.

Artikolu 22

Sistemi tal-ikklerjar u sistemi ta' ħlas
Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex ***jiġu żgurati*** sistemi tal-ikklerjar u tal-ħlas effiċjenti u sodi fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi ***terzi***.

Sabiex jilħaq l-oġġettivi tas-SEBĊ u jwettaq il-kompiti tiegħu, il-BĊE jista' jagħmel regolamenti rigward is-sistemi tal-ikklerjar għal strumenti finanzjarji fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi, bil-konsiderazzjoni dovuta għall-atti legali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-miżuri adottati skont tali atti, u b'mod li jkun konsistenti bis-sħiħ ma' dawk l-atti u l-miżuri.